MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 535/1987/1

**Carmel Cutajar**

**v.**

**Josephine Mary sive Josephine Cutajar**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-eccezzjoni ta' rikuza sollevata mill-appellant Carmel Cutajar fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2007 fil-konfront tal-President ta' din il-Qorti,

cioe` l-Prim Imhallef, kif ukoll fil-konfront ta’ l-Imhallef Albert J. Magri, liema provvediment qed jinghata konformement ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 738(2) tal-Kap. 12.

**2.** L-appellant jikkontendi li l-Imhallfin hawn aktar ’l fuq imsemmija kienu ppronunzjaw ruhhom dwar aspett sostanzjali involut fl-appell odjern u dan meta huma kienu jiffurmaw parti minn din l-istess Qorti (flimkien mal-Imhallef, illum irtirat, Anton Depasquale) u taw sentenza f’kawza li kienet tikkoncerna l-paternita` ta’ iben il-kontendenti u cioe` ta’ Conrad Cutajar, kif ukoll f’sentenza ohra sussegwenti fejn l-appellant kien talab ritrattazzjoni minn dik is-sentenza dwar il-paternita`.

**3.** B’nota pprezentata fis-7 ta’ Frar 2007 l-appellant esebixxa kopja tas-sentenzi li ghalihom kien qed jirreferi fl-udjenza tal-gurnata ta’ qabel, u dan peress li fl-udjenza d-difensur tieghu ma setax jiftakar id-dati ta’ dawn is-sentenzi. Dawn is-sentenzi huma t-tnejn fl-ismijiet ***Carmel Cutajar v. Josephine Mary sive Josephine Cutajar pro et noe et***, l-ewwel wahda moghtija fis-**17 ta’ Frar 2004** u t-tieni wahda (fejn it-talba ghal ritrattazzjoni kienet giet michuda) fid-29 ta’ April 2005.

**4.** Issa l-appell odjern huwa minn sentenza dwar annullament ta’ zwieg. L-appellant, allura attur, fic-citazzjoni tieghu jadduci bhala kawzali, fost ohrajn, l-impotenza assoluta tieghu li kienet tezisti qabel iz-zwieg – Artikolu 19(1)(e) tal-Kap. 255. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, iddecidiet li ma kienx hemm bazi ta’ annullament fuq din il-kawzali billi ghamlet referenza ghar-rapport tal-periti addizzjonali fil-kawza numru 659/87, cioe` l-kawza li spiccat proprju bis-sentenza fl-appell moghtija fis-17 ta’ Frar 2004. Ghandu jinghad li, kif jirrizulta mis-sentenza ta’ l-ewwel grad fil-kawza ta’ paternita`, il-partijiet kienu qablu li l-provi li jingabru fil-kawza tal-paternita` jkunu japplikaw ukoll ghall-kawza ta’ l-annullament u vice versa.

**5.** Bis-sentenza taghha tas-17 ta’ Frar 2004 din il-Qorti, kif allura komposta, kienet prattikament qed tikkonferma li

l-appellant ma kienx ibati minn *impotentia coeiundi* peress li, ankorke` indirettament, ikkonfermat li Conrad kien it-tifel tieghu – jinghad “indirettament” peress li l-kawza kienet wahda ta’ *denegata paternita*` u mhux wahda ghar-ricerka tal-paternita`.

**6.** Fil-kawza odjerna – kawza ta’ annullament – l-appellant ghadu qed jinsisti dwar l-impotenza assoluta tieghu – ara t-tielet aggravju a pagna 9 tar-rikors ta’ appell – cirkostanza li dwarha allura l-Imhallfin aktar ’l fuq imsemmija diga` esprimew ruhhom.

**7.** Isegwi ghalhekk li l-eccezzjoni ta’ rikuza tal-Prim Imhallef u ta’ l-Imhallef Albert J. Magri hija ben fondata fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12, u ghalhekk l-istess eccezzjoni qed tintlaqa’. Konsegwentement l-appell qed jigi differit ghal nhar it-Tnejn 14 ta’ Mejju 2007 fin-12.30pm biex jinstema’ minn din il-Qorti, diversament komposta, wara li jkunu saru d-debiti surrogi. Spejjez ta’ dan il-provvediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------